# Fra Raimondo Griolo O.S.J., J.U.D. Rettur tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp

**Minn Winston L. Zammit**
*B. A. (Hons), P.G.C.E., M.A.*

Fost il-Kolleġġjali tal-Grotta ta' San Pawl tar-Rabat fl-aħħar snin tas-seklu XVIII u fl-ewwel 40 sena tas-seklu XIX insibu lil Fra Raimondo Grioli, Avukat li kien ukoll għall-tliet snin Rettur tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp.

Fra Raimondo Grioli ggradwa bħala Avukat (J.U.D.) mill-Università ta' Malta fl-1794.[1] Issieħeb mal-Ordni ta' San Ġwann u mar Katanja fejn fl-1796 ġie ordnat Djaknu u nhar il-festa ta' San Ġwann Battista 1796 ġie ordnat Saċerdot. Wara li ġie lura Malta ċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-knisja ta' San Publiju r-Rabat fit-30 ta' Ġunju 1796.[2]

F'xi żmien qabel Awwissu 1798, Fra Raimondo nħatar bħala wieħed mill-Kolleġġjali tal-Grotta minflok Fra Isidoro Fenech.[3] F'Awwissu 1800 insibuh li kien Avukat tal-Fqar mal-Università tal-Imdina, u kien għadu jokkupa din il-kariga sat-13 ta' April 1802.[4]

## Ċerimonier u Segretarju tal-Grotta ta' San Pawl

Fil-23 ta' Settembru 1805 miet il-Kolleġġjali Fra Antonio Sayd li kellu l-kariga ta' Ċerimonier u Segretarju fost il-Kolleġġjali. L-għada sar Kapitlu tal-istess Kulleġġ, li fih inqara memorjal ta' Fra Raimondo li fih talab li jingħata l-karigi li kienu sfaw vojta bil-mewt ta' Fra Antonio Sayd. L-għada reġa' sar Kapitlu ieħor u wara li nqrat ir-relazzjoni tal-Kummissarju, Fra Raimondo ġie maħtur Segretarju u Ċerimonier bil-vot ta' dawn kollha preżenti.[5] Billi l-Grotta ta' San Pawl, kellha ħafna propjetà f'Għawdex, insibu li fl-1806, ir-Rettur tal-Grotta Fra Ludovico Savoye u l-*Avvocato Cappellano Collegiale Fra Raimondo Grioli Segretario* għamlu żjara f'Għawdex.[6]

## Fl-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp

Ipprofessa bħala Fratell fl-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp nhar id-19 ta' Marzu 1791.[7]

Mir-reġistri tal-Arċikonfraternità jidher li kellu diversi karigi. Fit-18 ta' Marzu 1809, inħatar Prim Assistent Rettur.[8] Tliet snin wara fit-3 ta' April 1812 inħatar Rettur tal-Arċikonfraternità u Prokuratur tas-*Settimana Santa*.[9] Iż-żmien li fih kien Rettur tal-Arċikonfraternità kien ukoll iż-żmien li fih f'Malta kien hawn l-imxija tal-pesta (April 1813 – Jannar 1814) u matul dan iż-żmien ma jidhirx li saru Konsulti.[10]



L-Ostensorju tal-Fidda mixtri bis-saħħa ta' Fra Raiomondo

Bħala Prokuratur tal-Ġimgħa l-Kbira, Fra Raimondo ħa ħsieb li jsir inventarju li għadu jeżisti sal-lum. Hu baqa' jokkupa l-kariga ta' Prokuratur sal-4 ta' Frar 1816 meta rreżenja.[11]

Meta kien għadu Rettur tal-Arċikonfraternità waqt Konsulta li saret nhar id-19 ta' Frar 1815 ippreżenta Ostensorju tal-fidda tal-filugranu li kien għall-bejgħ għal 50 skud. Wara li rawh il-Fratelli preżenti, qablu li kemm minħabba l-ġmiel tiegħu kif ukoll minħabba l-prezz tajjeb mitlub, kellu jinxtara u l-50 skud inġabru dak il-ħin stess mill-fratelli preżenti. L-ewwel 5 skudi nħarġu minn Fra Raimondo. Hu mexxa l-aħħar konsulta bħala Rettur fl-10 ta' Marzu 1815. [12]

Fil-Konsulta tal-10 ta' April 1831, Fra Raimondo li issa kien Viċi Rettur tal-Grotta ta' San Pawl, reġa' nħatar Prim Assistent Rettur tal-Arċikonfraternità. Fl-istess kariga kien ikkonfermat

darbtejn oħra fl-14 ta' April 1833 u fl-10 ta' April 1836 fejn baqa' sat-22 ta' April 1838.[13]

### Viċi Rettur u Rettur tal-Grotta ta' San Pawl (1831-1840)

Fl-24 ta' Frar 1831, il-Viċi Rettur tal-Grotta ta' San Pawl, Fra Giovanni Grech inħatar Rettur minflok Fra Ludovico Savoye. Billi l-kariga ta' Viċi Rettur kienet batala fil-11 ta' Marzu 1831 sar Kapitlu tal-Kolleġġjali fis-Sagristija, li fih ġie elett bħala Viċi Rettur Fra Raimondo Grioli, li ġie wkoll konfermat fil-kariga ta' Sagristan u Ċerimonier.[14]

Fil-15 ta' Diċembru 1840 miet ir-Rettur Saliba u tliet ijiem wara l-Gvern Kolonjali ħatar lil Fra Raimondo Grioli J.U.D. bħala Rettur tal-Grotta ta' San Pawl, kariga li baqa' jokkupa sa ma' miet fil-5 ta' Awwissu 1842.[15]

**Referenzi**


1 Tagħrif ġentilment mgħoddi minn Dr. Ray Mangion. 8 ta' Awwissu 2007
2 Arkivju Grotta San Pawl Rabat, Vol B, *Deliberazioni ed Altri Affari del' Ven. Collegio della Grotta di San Paolo* 1782-1828, p. 141.
3 Librerija Nazzjonali ta' Malta, Treas. A 85, *Conti dal 1 Agosto 1798 a tutto Luglio 1799*, A.G.S.P.R., *Deliberazione*, op.cit. p. 168.
4 Ibid. Treas A 157 (5) p. 41 u Treas. A 157 (7) p. 30.
5 A.G.S.P.R., Vol B, op.cit., p. 225 u 230.
6 Ibid., p. 252
7 Arkivju Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, Libro del Confratelli dal 1743.
8 Ibid., Libro Officiali dall' 1718 p. 159
9 Ibid., pp. 161-2
10 P. Cassar, *Medical History of Malta* (1965) pp. 176-7, 185, u tagħrif fil-pusses tal-Awtur.
11 A.A.S.Ġ.R., op. cit. pp. 161-2.
12 Ibid., *Libro Consulte C*, pp. 94-97
13 Ibid., *Libro Officiali*, pp. 176-7
14 A.G.S.P.R., op. cit., pp. 18, 22, 24.
15 Ibid., pp. 57,58, 63.



**Gun & Cycle Supplier**

*Agents for Santosa & Do Munt Mountain Bikes*

**Santosa Freestyles, MTB's & BMX's with FANTASTIC PRICES**

*Stockist of: All kind of Sporting Fire Arms, Pistols, Rifles, Ammunition, Fishing Equipment, All types of Bicycles, Agriculture Pumps, Car accessories, Toys, Videos, Colour T.V.s, Car Radios, Tools, Electrical Appliances etc. Accepts all kind of Repairs.*

**53, 60 St. Publius Street, Rabat – Malta • Tel: 2145 4242 Tel / Fax: 2145 5846**

**KALLIDORA**

Enhancing the gift of Health and Beauty

41, Triq Santu Wistin, Rabat, Malta
Mob: 79898887 Tel: 21454426
E-mail: kallidorabyjess@gmail.com
Facebook Page: www.facebook.com/healthbeauty

Jessica Vella
International Beauty Therapist (ITEC)
International Make-Up Artist (INFA)

*Specialising in...*
*Facials Using Decleor, Mahler, Blue & Marine, Gerard's & Yellow Rose, Holistic Massages, Waxing, Manicures, Pedicures, Gel Polish, Electrolysis, Marma Point Massage, Shiatsu, Indian Head Massage, Hopi Ear Candling, Lomi Lomi Massage, Deep Tissue Massage, Micro-needling Therapy using Derma Roller, Slimming Treatments, Eyelash & Eyebrow Tinting, Diet & Nutrition Advice, Make-up for all occasions, Personal Make-up Courses.*

This Advert Entitles You
25% OFF Any Treatment
*Advert must be shown*
*(valid till 31.05.2017)*